XGĦAJRA

Minuti tal laqgħa Nru.16(Sittax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 9 ta' Novembru, 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

   3.1 Qed tintalab garanzija bankarja da parti tal-Kunsill u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-infieq minn fondi allokati biex isiru l-Faċilitajiet Sportivi u dan skond ftehim MOU (Memo of Understanding) li kien iffirmat bejn il-Kunsill u l-Ministeru li dak iż-żmien kien l-MITT. Sadanittant qed jittieħed parir legali biex tkun formulata din il-garanzija. F'dan il-kuntest il-Kunsill għadu qed jistenna l-eżitu ta' x'hemm bżonn biex il-flus skond l- MOU allokati għall-proġett tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi jgħaddu f'kont Bankarju f'isem il-Kunsill.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 A rigward il-Byelaws, xi ġranet ilu allura għall-bidu ta' Novembru, Ms Angele Vella talbet *hard copies* ta' dawn il-Byelaws u ta' dan għandna *acknowledgement.*

3.3 Għal dak li jirrigwarda skavar u tqattiegħ ta'blat fis-sit fejn huma ntenzjonati l-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi, miexi b'ritmu tajjeb dejjem jekk it-temp jippermetti.

3.4 L-oġġezzjonijiet u suġġerimenti li l-Kunsill kien għamel a rigward l-ilma ta' l-għarar li hu ppjanat li jiġbor dak ta' Ħaż-Żabbar u jintrema' f'parti mix-xatt tax-Xgħajra ġie mgħoddi lill-P.S. is-Sur Chris Ciantar tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, ġew mgħoddija lill-MEPA għall-kunsiderazzjoni.

3.5 A rigward il-volum kif ukoll il-piz ta' l-iskart imħallat miġbur mix-Xgħajra, l-ispetturi kkonkludew l-eżerċizzju tagħhom li sar billi wieħed mill-ispettorat akkumpanja lill-kuntrattur tal-Kunsill,is-sur John Grixti, mar-rotta kollha sa' l-Għallies.
Il-ħin ta' ġbir ta' l-iskart bieb bieb fix-Xgħajra, għandu jkun għat-8.00am u l-iskart jinħareġ barra mir-residenti sa' siegħa qabel. Ġie deċiż li aktar ikun floku li dan is-serviżż jibda minn Jannar 2011.

3.6 Qed tintalab *quotation* biex issir CCTV fuq il-bring-in-sites mill-Wasteserv u dan minħabba li qed jiġu abbużati billi jintefa' skart goff ħdejhom.

3.7 Qed isir ukoll eżerċizzju mill-Wardens biex trakkijiet mitluqin u vetturi oħra mitluqin u/jew mhux ipparkjati sewwa jiġu mwissija u jekk ikun hemm persistenza jingħataw ċitazzjoni.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:- Fost il-korrispondenza dawk li kienu ta'mportanza kienu:

4.1 Memo a rigward parteċipazzjoni da parti tal-Kunsill fil-ġbir ta' fondi għall-Community Chest Fund. In segwitu ta' dan il-Memo il-Kunsill se jieħu nizjattiva biex jiġbor fondi nhar il-Ġimgħa u Sibt, 19 u 20 ta' Novembru. Fost l-attrazzjonijiet li se jkun fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja se jkun hemm ponies etċ.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Ratifikati w approvati l-infieq għax-xahar t'Ottubru, 2010.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet:

6.1 Il-Ħadd 14 ta' Novembru ser jitqassmu l-boroż ta' San Martin u dan bejn l-10.00am u l-11.00am fil-Librerija tal-Kunsill fi Triq San Ġakbu.

6.2 Hu maħsub ukoll li bħal snin preċedenti jingħata token żgħir lill-anzjani tax-Xgħajra (b'tema ta' l-Istrina). Hemm ukoll il-ħsieb li jintbgħatu kartolini lir-residenti b'xewqat sbieħ għal-festini natalizzi.
Qed ukoll isir arranġament biex jinxtelu xi dwal għall-festi.

7. Item Nru.9 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Aġġornament għal nhar it-Tlieta 7 ta' Diċembru, 2010

______________________________ ______________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt